**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Jannar, 2023**

**Rikors Nru: 1202/2022**

**Wara l-Mandat Ta' Sekwestru Eżekuttiv Numru 946/2022 fl-ismijiet:**

***DEBITUM COLLECTIO LIMITED BĦALA MANDATARJA SPEĊJALI TAL-ASSENTI CHRISTIAN KIRCHNER***

***VS.***

***TRANNEL INTERNATIONAL LIMITED***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar talba tal-kumpannija Trannel International Limited magħmula taħt l-**artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għat-tħassir ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fl-**20 ta' Diċembru, 2022**, Trannel International Limited fissret li Debitum Collectio Limited, f'isem Christian Kirchner, kisbet il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 946/2022 kontra tagħha fuq is-saħħa ta' Ordni ta' Ħlas Ewropew, li kien ġie ddikjarat bħala enforzabbli minn Qorti Awstrijaka fit-2 ta' Mejju, 2022;

3. Trannel International Limited tkompli billi tgħid li għalkemm fl-1 ta' Awwissu, 2022, il-Qorti Awstrijaka kienet ħassret din l-Ordni ta' Ħlas, il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 946/2022 baqa' ma tneħħiex. Minħabba f'hekk, Trannel International Limited talbet lil din il-qorti sabiex,

> *«tħassar għalkollox il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 946/2022 fl-ismijiet premessi a tenur tal-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan stante li teżisti raġuni valida skont il-liġi għat-tħassir tiegħu, kif jirrikjedi l-artikolu 281 tal-Kap. 12. »*

4. B'digriet tagħha tas-**26 ta' Diċembru, 2022**, il-qorti ordnat in-notifika lil Debitum Collectio Limited *nomine*, bi żmien għaxart ijiem għar-risposta skont l-**artikolu 281(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Debitum Collectio Limited *nomine* wieġbet verbalment fis-seduta tad-**9 ta' Jannar, 2023**, u permezz tal-avukata tagħha qalet li hi m'għandhiex oġġezzjoni li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv jiġi mħassar, basta li hija ma tħallasx l-ispejjeż marbuta ma' din il-proċedura;

6. Il-qorti wara li semgħet dak kollu li kellhom xi jgħidu l-avukati tal-partijiet, ħalliet ir-rikors għad-deċiżjoni għal-lum;

***Fatti***

7. Fit-13 ta' Lulju, 2022, Debitum Collectio Limited *nomine* talbet li jinħareġ mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra Trannel International Limited fuq is-saħħa ta' Ordni ta' Ħlas Ewropew, li ġie ddikjarat bħala enforzabbli taħt ir-**Regolament (KE) Nru. 1896/2006** minn Qorti Awstrijaka fit-2 ta' Mejju, 2022;

8. Dan il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv, bin-numru ta' riferenza 946/2022 ġie milqugħ mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'digriet mogħti fid-19 ta' Lulju, 2022;

9. Fl-1 ta' Awwissu, 2022, il-Qorti Awstrijaka ddikjarat l-Ordni ta' Ħlas Ewropew tat-2 ta' Mejju, 2022 bħala wieħed li huwa null u bla effett;

10. Peress li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv baqa' fis-seħħ u anke laħqu ġew depożitati xi flejjes fir-reġistru tal-qorti minħabba fih, Trannel International Limited ressqet dan ir-rikors tal-lum biex il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv jiġi mħassar;

***Konsiderazzjonijiet***

11. Skont l-**atikolu 252 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, mandati eżekuttivi jistgħu jinħarġu biss fuq is-saħħa ta' titli eżekuttivi. Ifisser għalhekk, li ladarba titolu eżekuttiv huwa element essenzjali biex jinħareġ mandat esekuttiv, in-nuqqas ta' titolu esekuttiv iwassal għall-invalidità tal-mandat (ara ***Dr. Marlon Borg nomine v. MV Bright Star ġja MV Trading Fabrizia*** deċiż mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Frar, 2019);

12. Dejjem skont il-liġi, mandat eżekuttiv jista' jitneħħa kollu jew f'parti minnu skont l-**artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, jekk jintwera li hemm raġuni valida fil-liġi. Il-liġi ma tagħtix tifsira ta' x'joħloq raġuni valida fil-liġi u għalhekk kollox huwa mħolli fil-ġudizzju prudenti tal-ġudikant skont il-fatti li jkollu quddiemu;

13. Ingħad fid-deċiżjoni ***Vincent Gauċi v. Dr. Albert Fenech*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020 li, hu ovvju li jekk kreditur m'għandux titlu eżekuttiv fir-rigward tal-kreditu li jippretendi mingħand id-debitur, dik hi raġuni valida li għandha twassal sabiex jitħassar l-att eżekuttiv. L-istess ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Mary Saliba v. Charles Saliba*** tat-3 ta' Frar, 2022, *viz*. li jekk tassew ma kienx hemm titlu eżekuttiv dan ikun biżżejjed biex jitħassar il-mandat taħt l-**artikolu 281**;

14. Fil-każ tagħna, għad li Debitum Collectio Limited *nomine* kellha f'idejha titlu eżekuttiv fil-mument li talbet li jinħareġ il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv fit-13 ta'

Lulju, 2022, madankollu dan l-istess titlu eżekuttiv ġie mħassar u revokat b'deċiżjoni tal-Qorti Awstrijaka tal-1 ta' Awwissu, 2022;

15. Fil-fehma tal-qorti, darba li dan it-titlu eżekuttiv tħassar, Debitum Collectio Limited *nomine* ma tistax aktar tistrieħ fuqu sabiex iżomm ħaj il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 946/2022. Huwa naturali li daqskemm mandat ta' sekwestru eżekuttiv għandu jitħassar, jekk meta dan jinħareġ ma jkun hemm l-ebda titlu eżekuttiv fis-seħħ; daqstant ieħor il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv għandu jitħassar, jekk it-titlu eżekuttiv jiġi revokat u jitlef is-saħħa tiegħu wara li l-mandat ikun ġa nħareġ;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda **tilqa'** t-talba ta' Trannel International Limited miġjuba fir-rikors tal-20 ta' Diċembru, 2022 sabiex jitħassar il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 946/2022 skont l-**artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

L-ispejjeż marbuta ma' din il-proċedura għandhom jitħallsu kollha kemm huma minn Debitum Collectio Limited *nomine* għaliex hi kien messha ħadet ħsieb tneħħi l-mandat mill-ewwel u mhux tħalli lil Trannel International Limited tibda dawn il-proċeduri.

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**